**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 26 ta' Frar 2024

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**vs**

**DONNA ANDREWS**
**(K.I. 203386M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużata Donna Andrews ta' sebgħa u tletin (37) sena, bint Paul u Silvana Andrews nee' Leighton, ta' nazzjonalita' Maltija, imwielda il-Pieta', nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' April tas-sena elf disgħa mija u sitta u tmenin (1986) residenti ġewwa 1, Tal-Ħerba, Triq Carini, Santa Venera u detentriċi tal-Karta tal-Identita' 0203386M u f'isem ir-Repubblika ta' Malta akkużata talli b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b' riżoluzzjoni waħda, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe' talli:-

F'xi ħin bejn l-erbgħa ta' waranofsinhar (16:00) u l-ħamsa ta' waranofsinhar (17:00), fl-għaxra (10) ta' Lulju elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ġewwa l-istabbiliment The Atrium li qiegħed sitwat ġewwa Birkirkara u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Ikkommettiet serq ta' prodotti, u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur; liema valur tal-ħaġa misruqa ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment tal-istabbiliment The Atrium u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

U aktar talli, f'xi ħin bejn l-erbgħa ta' waranofsinhar (16:00) u s-sitta ta' waranofsinhar (18:00) fl-erbgħa (04) ta' Jannar elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa l-istabbiliment Forestals li qiegħed sitwat ġewwa Birkirkara u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

2. Ikkommettiet serq ta' prodotti u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, liema valur tal-ħaġa misruqa ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment tal-istabbiliment Forestals u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

U aktar talli, f'xi ħin bejn l-erbgħa ta' waranofsinhar (16:00) u s-sitta ta' waranofsinhar (18:00) fl-erbgħa (04) ta' Jannar elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa l-istabbiliment The Atrium li qiegħed sitwat ġewwa Birkirkara u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

3. Ikkommettiet serq ta' prodotti u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur; liema valur tal-ħaġa misruqa ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment tal-istabbiliment The Atrium u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

U aktar talli, f'xi ħin bejn il-ħamsa ta' waranofsinhar (17:00) u s-sitta ta' waranofsinhar (18:00) fis-sitta (06) ta' Frar elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa l-istabbiliment Smart Supermarket li qiegħed sitwat ġewwa Birkirkara u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

4. Ikkommettiet serq ta' prodotti u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa sempliċi u dan sar għad-detriment tal-istabbiliment Smart Supermarket u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

5. U aktar talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi, kemm il-darba tinstab ħatja tirrendi ruħha reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu;

Din l-Onorabbli Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija fil-konfront tal-imputata tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 532A et seq, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Din l-Onorabbli Qorti kienet ukoll ġentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament u dan ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Din l-Onorabbli Qorti kienet ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputata għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużata rreġistrat ammissjoni għall-akkużi kollha dedotta kontra tagħha u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħatat żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużata tikkonferma l-ammissjoni tagħha.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi l-akkużi odjerni rigwardjaw erba' serqiet

Illi l-ewwel serqa seħħet fl-10 ta' Lulju 2023 fejn mis-sistema CCTV ġew innotati persuni femminili li daħlu fl-istabbiliment "The Atrium" u l-akkużata tidher qed tieħu kaxxa kontenenti *console* tal-logħob u tibqa' tielgħa biha fit-tielet sular, fejn hemmhekk hija ġiet innutata li ma kelliex il-kaxxa aktar f'idejha.

Illi t-tieni serqa seħħet fit-13 ta' Jannar 2024 minn ġol-istabbiliment Forestals fejn mis-sistema ta' CCTV tagħhom, l-akkużata, flimkien ma terza persuna, ġiet innotata tieħu *console* tal-logħob minn fuq l-ixkaffa u titfgħu fil-basket tagħha u tibqa' ħierġa bih mingħajr ma ħallset għalih.

Illi t-tielet serqa seħħet fil-15 ta' Jannar 2023, fejn il-ħaddiema tal-istabbiliment "The Atrium" innotaw li fil-kamra tal-banju tan-nisa kien hemm xi kaxxi ta' prodotti elettroniċi vojta. Wara li raw il-filmati CCTV, il-ħaddiema nnotaw li fl-4 ta' Jannar 2024, għall-ħabta tal-4:20pm, l-akkużata flimkien ma żewġ persuni oħra elevaw l-oġġetti minn fuq l-ixkafef u ħadudom magħhom fil-kamra tal-banju. Minn hemmhekk huma ħarġu mingħajr kaxxi f'idejhom.

Illi finalment fl-20 ta' Frar 2024 għall-ħabta tas-17:42hrs waqt li l-akkużata kienet fl-istabbiliment ta' Smart Supermarket, ġiet innotata titfa' xi oġġetti fil-basket tagħha ta' lewn skur. Aktar tard l-akkużata tidher fil-parkeġġ tal-istess stabbiliment qed titfa' l-affarijiet minn ġol-basket tagħha għal ġo baskett taċ-ċarruta fil-karozza tagħha. Illi hija ġiet innotata mis-sistema tas-CCTV tal-istess stabbiliment u ta' dan sar rapport minn Mark Elroy Ciantar, bħala manager tal-istess stabbiliment.

Il-Qorti semgħet illi l-akkużata serqet oġġetti b'valur ta' €307 mill-istabbiliment ta' Forestals, valur ta' €100.43 mill-istabbiliment Smart Supermarket u l-ammont ta' €731.90 mill-istabbiliment The Atrium.

Illi l-akkużata ammettiet l-akkuži kollha miġjuba fil-konfront tagħha u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużata ħatja tal-akkuži kollha miġjuba fil-konfront tagħha kif minnha ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis għalkemm il-fedina penali tal-akkużata m'hijiex waħda nadifa, jidher li l-aħħar sejbien ta' ħtija huwa datat f'Ġunju 2016 u ma xellftitx difrejha mal-liġi tul dawn l-aħħar tmien snin. Di più, l-akkużata ammettiet l-involviment tagħha mal-ewwel u esprimiet id-dispjaċir tagħha għall-akkadut quddiem il-Qorti. Illi di più, il-Qorti semgħet illi l-akkużata għandha bżonn l-għajnuna għal ċerta diffikultajiet li hija għandha.

B'hekk, il-Qorti tqis li għalkemm piena karċerarja hija idonea, din m'għandhiex tkun waħda effettiva u dan anke għaliex l-akkużata tixtieq li tirradrizza l-ħajja tagħha.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 31, 49, 261(ċ), 267, 279(a), 284, 285 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tagħha, qed issib lil Donna Andrews **<u>ħatja</u>** tal-akkuži kollha dedotti kontra tagħha u qed tikkundannaha għal piena ta' tmintax-il xahar (18) priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel ordni ta' superviżjoni fil-konfront tal-ħatja u dan għal żmien tmintax-il (18) mil-lum u dan ai termini tad-Digriet mogħti kontestwalment illum stess.

Illi finalment, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-ħatja tħallas lil: (i) l-istabbiliment Forestals is-somma ta' €307, (ii) l-istabbiliment Smart Supermarket is-somma ta' €100.43 u (iii) lill-istabbiliment The Atrium is-somma komplessiva ta' €731.90 u dan fi żmien tmintax-il (18) xahar mil-lum.

Illi ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar ir-responsabbilità tagħha taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk hija tikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

**Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**